MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 856/2012

**Godwin Xerri kif debitament awtorizzat**
**bhala mandatarju ghan-nom u**
**in rapprezentanza tas-socjeta’ estera**
**Pol-Euro Shipping Lines P.l.c. S.A.**
**kif ukoll tas-socjeta’ Maltija**
**Sea Voyager Shipping Limited (C-40521)**

**vs**

**Zejt Marine Services Limited (C-51246)**
**bhala sid tal-bastiment Asso Zejt 1 (IMO nru: 7393822)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjetajiet attrici tat-28 ta’ Awwissu 2012 li jghid hekk:
(1) Illi s-socjeta rikorrenti Pol-Euro Shipping Lines Plc SA hija is-sid tal-bastiment Sider Lipari, b'IMO numru ta' registrazzjoni 9119907 u Ii jtajjar il-bandiera Maltija u dan

kif jidher car mill-kopja tac-Certifikat mir-registru tal-bastimenti merkantili ta' Malta hawn annessa u mmarkata bhala Dok. GX1.

(2) Illi permezz ta' bareboat charter datat 22 ta' Gunju 2010 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. GX2) is-socjeta Pol-Euro Shipping Lines Plc SA kriet il-bastiment taghha Sider Lipari lis-socjeta Maltija Sea Voyager Shipping Limited ghal perjodu ta' erba u ghoxrin xahar, liema perjodu gie estiz sal-30 ta ' Gunju 2014 permezz ta' ftehim datat 30 ta' Gunju 2012 (kopja tal-Addendum hawn anness u mmarkat bhala Dok. GX3).

(3) Illi fit-18 ta'Lulju 2012 il-bastiment Asso Zejt 1 proprjeta tas-socjeta intimata Zejt Marine Services Limited u li jtajjar il-bandiera Maltija (kopja tac-Certifikat mir-registru tal-bastimenti merkantili ta' Malta hawn annessa u mmarkata bhala Dok. GX4) dahal gol-poppa tal-bastiment Sider Lipari waqt li dan kien wieqef u marbut mall-moll fil-port ta' Sousse gewwa Tunezija fejn kien qed jghabbi abbord il-merkanzija.

(4) Illi bhala konsegwenza ta' din il-kollizzjoni il-bastiment Asso Zejt 1 ikkaguna hsarat estenzivi lil bastiment Sider Lipari kif ukoll danni ohra lis-socjetajiet rikorrenti, liema danni u hsarat jammontaw ghall- aktar minn tlett mitt elf ewro (€300,000).

(5) Illi l-incident fuq indikat sehh unikament b'tort, negligenza, imperizja u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tal-bahar da parti tal-bastiment Asso Zejt 1 u l-membri tal-ekwipagg tieghu.

(6) Illi wara l-imsemmi incident il-Kaptan tal-bastiment Sider Lipari flimkien ma' membri ohra tal-ekwipagg ghamlu sea protest quddiem nutar Tunezin sabiex jaghtu rendikont tal-fatti tal-incident (kopja ta' dan is-sea protest annessa u mmarkata bhala Dok. GX5).

(7) Illi jidher illi l-bastiment Asso Zejt 1 huwa registrat hawn Malta huwa l-uniku assi tas-socjeta intimata.

(8) Illi in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz hemm l-akbar probabilta li s-socjeta intimata tipprova titrasferixxi l-bastiment, l-assi principali tas-socjeta intimata, lil terzi persuni sakemm u qabel ma tigi deciza l-kawza fuq il-merti.

(9) Illi jekk din l-istess socjeta intimata tbiegh jew titrasferixxi b'mod iehor dan il-bastiment jew xi sehem fih qabel ma tinqata' vertenza bejn il-partijiet u fl-eventwalita illi s-socjetajiet rikorrenti jirbhu l-proceduri fuq il-merti, tezesti probabilta kbira li f'dik l-eventwalita l-kreditu tas-socjetajiet rikorrenti jigi eluz.

(10) llli d-drittijiet tas-socjetajiet rikorrenti mhumiex xort'ohra assigurati.

(11) Illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom interess li jikkawtelaw id-drittijiet taghhom.

(12) Illi ai terminu ta' artikolu 37 taI-Att dwar il-Bastiment Merkantili (Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta) din l-Onorabbli Qorti tista' tordna li ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment u/jew negozju tal-bastiment Asso Zejt 1 jew ta' xi sehem fih, li ma jsir ebda bejgh u/jew transferiment tal-ishma tas-socjeta Zejt Marine Services Limited sid il-bastiment, li ma jsir ebda registrazzjoni ta' ipoteka navali (mortgage) fuq il-bastiment Asso Zejt 1 u li ma jinhareg ebda deletion certificate mir-registratur tal-bastimenti merkantili u dan sakemm tigi deciza l-vertenza bejn il-partijiet fuq il-merti quddiem il-Qrati kompetenti.

(13) Illi l-artikolu 37(10) tal-istess Att jispecifika illi l-vertenza trid tkun rigward materji specifikati.

(14) Illi l-vertenza tirrigwarda drittijiet li jinkwadraw ruhhom fil-parametri li tistipula l-ligi f'artikolu 37(10)(a)(v) li tghid is-segwenti: "kull pretensjoni ohra Ii tnissel pretensjoni in rem kontra bastiment taht il-ligi Maltija".

(15) llli l-artikolu 742B(f) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili jipprovdi specifikament illi l-Qrati ta' Malta ghandhom gurisdizzjoni in rem fir-rigward ta' “kull

pretensjoni dwar hsara maghmula jew ikkawzata minn vapur, kemm f'kollizjoni kif ukoll xort'ohra".

(16) Illi ghaldaqstant jezistu r-rekwisiti kollha stipulati minn artikolu 37 tal-att dwar il-bastimenti merkantili sabiex din l-Onorabbli Qorti taghti l-ordnijiet minnha mitluba ai termini tal-istess artikolu.

Ghaldaqstant, is-socjetajiet rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1) Tordna li ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment, u/jew negozju tal-bastiment Asso Zejt 1 jew ta' xi sehem fih.

2) Tordna li ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment, u/jew negozju tal-ishma tas-socjeta sid il-bastiment u cioe s-socjeta intimata Zejt Marine Services Limited.

3) Tordna li ma ghandu johrog ebda deletion certificate mir-Registratur tal-bastimenti merkantili.

4) Tordna li ma jsr ebda registrazzjoni ta' mortgage jew ipoteka fuq il-bastiment Asso Zejt 1 jew hrug ta' ebda deletion certificate.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subbizzjoni

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:
Fatti

1. Illi l-fatti dikarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati;

2. Illi l-fatti dikjarati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma riservati;

3. Illi l-fatti dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma riservati;

4. Illi l-fatti dikjarati fir-raba paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati;

5. Illi l-fatti dikjarati fil-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma riservati huma kontestati;

6. Illi l-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati;

7. Illi l-fatti dikjarati fil-paragrafi 7 huwa kontestat fis-sens li l-bastiment ma huwiex l-uniku assi tal-kumpannija intimata;

8. Illi l-fatti dikjarati fil-paragrafi 8 u 9 tad-dikjarazzjoni attrici ma huma xejn hlief asserzjoni gratuwita;

9. Illi l-fatti dikjarati fil-paragrafu 10 tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati billi effettivament gie stabbilit fond fit-Tunezija (li huwa il-pajjiz fejn sehhet il-kollizjoni de quo) a bazi tal-ligi Tunezina u permezz ta' liema r-rikorrenti ddepozitat somma flus biex tezimi ruhha minn kwalsiasi responsabbilta derivanti mill-incident. Jidher ukoll li l-attrici ittantat tarresta l-bastiment fit-Tunezija izda l-arrest kien gie revokat minhabba l-ezistenza tal-fond premess. Ghalhekk ir-rikorrenti ma tistghax tghid li d-drittijiet taghha ma humiex xort' ohra assigurati;

10. Illi l-fatti dikjarati fil-paragrafu numru 11 ma humiex fatti izda asserzjoni ta' dritt li hi fi kwalsiasi kaz kontestata;

11. Illi l-bqija tal-fatti huma kollha kontestati u jinghad li ma jezistux ir-rekwiziti skond il-ligi ghall-hrug ta' ordni skond l-artikolu 37;

Eccezzjonijiet:

1. Preliminarjament li ma jezistux ir-rekwisiti ghall-hrug tal-ordni de quo u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza;

2. Illi fi kwalsiasi kaz, jigi eccepit li l-incident gara fit-Tunezija u ghalhekk ir-responsabbilta ghall-incident u ghad-danni ghandu jigi determinat skond il-ligi Tunezina. Jirrizulta li l-ligi tat-Tunezija tati dritt lil sid il-vapur li jkun

involut f'incident li jezimi ruhhu minn kull responsabbilta billi jiddeposita taht l-awtorita tal-Qorti Tunezina somma li tigi determinata u approvata mill-istess Qorti Tunizina u dan ghas-saldu ta' kull responsabbilta li sid il-bastiment jista' jkollu. Jirrizulta li dan il-fond gie fil-fatt kostitwit skond l-Ordni tal-Qorti fit-Tunizija u li l-esponenti bhala sid il-bastiment iddepozita s-somma indikata ghas-saldu ta' kull responsabbilta li jista' jkollu. Jirrizulta ukoll li dan kollu fi proceduri gudizzjarji li fihom kien parti l-istess rikorrent. Kwindi l-eccipjenti tecepixxi li r-rikorrent ma ghadx fadallu interess fil-kawza odjerna;

3. Prelimarjament ukoll li t-tieni talba ma hijiex wahda permess mill-artikolu 37 tal-Kap. 234 a bazi ta' liema saret din il-procedura u fi kwalsiasi kaz, li t-trasferiment tal-ishma tal-kumpannija ma tista' bl-ebda mod tippregudika lill-attrici;

4. Preliminarjament ukoll li l-ecciepjenti ma hijiex il-legittimu kontradittur tat-tielet talba billi tali ordni tista' tinhareg biss fil-konfront tar-registratur tal-bastimenti. Fi kwalsiasi kaz, huwa evidenti li d-dritt tar-registratur li johrog tali certifikat ma jistghax jigi limitat jew mxekkel minn din il-procedura;

5. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti u noti ta' sottomissjonijiet u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-vertenza thalliet ghad-decizjoni fuq l-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta cioe dwar l-ligi applikabbli ghall-vertenza, peress illi s-socjetajiet attrici jsostnu li hi applikabbli l-ligi Maltija mentri s-socjeta konvenuta ssostni li l-ligi applikabbli hi dik Tunezina.

**Ikkunsidrat**

Il-fatti li taw lok ghal vertenza jistghu jigu sommarjament elenkati kif gej. Fit-18 ta' Lulju 2012 sehhet kollizjoni bejn zewg vapuri fil-port ta' Sousse t-Tunezija. Din il-kollizjoni sehhet bejn il-vapur Sider Lipari proprjeta tas-socjeta estera Pollakka Euro Shipping Lines plc SA li fi zmien l-incident kien mikri lis-socjeta Maltija Sea Voyager Shipping Limited, u l-vapur Asso Zejt 1 proprjeta tas-socjeta Maltija Zejt Marine Services Limited. Iz-zewg vapuri itajru bandiera Maltija.

Is-socjetajiet attrici jikkontendu illi l-kollizjoni sehhet bi htija tal-vapur Asso Zejt li dahal fil-poppa tal-vapur Sider Lipari meta dan tal-ahhar kien marbut mal-moll fil-port.

Bla dubju din hi azzjoni fejn il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin hu stabbilit taht l-artikolu 742(1)(b) tal-Kap. 12 u dan peress illi s-socjeta konvenuta hi Maltija. Dwar dan ma hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet. Lanqas ma jidher li hemm dubju illi l-element ta' ligi privat internazzjonali ghandu jigi indirizzat mhux skond il-ligi generali ta' dritt privat internazzjonali izda a bazi tar-regolament 864/2007 maghruf bhala Rome II li fl-ahhar parti tieghu ighid:
Dan ir-Regolament ghandu jorbot fl-intier tieghu u japplika direttament fl-Istati Membri skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea.

Fil-kuntest tal-Qrati Irlandizi, l-awtrici **Liz Hefferrnan** tghid is-segwenti fuq l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:
Turning first to geographical reach, the regulation is of "universal application" which means that it is not limited to tort litigation within the European Union but extends to any proceedings in tort that contain an international element whether European or not. In this sense, the regulation will provide a "one-stop shop" for choice of law in tort which will obviate the need for the Irish courts to operate wholly different regimes for European as opposed to non-European cases.[1]

[1] Liz Heffernan, *Rome II: Implications for Irish Tort Litigation*, fil-ktieb John Ahern, William Binchy (eds), *The Rome II regulation on the law applicable to non-contractual obligations: a new international litigation regime*, Martinus Nijhoff Publishers, 2009, pp 265-266.

Il-kontestazzjoni tinsorgi mill-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta cioe l-proper law applikabbli ghal kaz peress illi l-istess socjeta ssostni li skond ir-regolament tal-Kunsill tal-Ewropa 864/2007 maghruf bhala Rome II, il-ligi applikabbli hi dik li tohrog mill-artikolu 4(1) tal-istess regolament li jghid hekk:
Sakemm ma jkunx previst mod iehor f'dan ir-Regolament, il-ligi applikabbli ghal obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirrizulta minn delitt jew kwazi-delitt civili ghandha tkun il-ligi tal-pajjizi fejn isehh id-dannu irrispettivament mill-pajjiz fejn sehh l-avveniment li wassal ghad-dannu u irrispettivament mill-pajjiz jew pajjizi fejn isehhu l-konsegwenzi indiretti ta' dak l-avveniment.

Dan l-artikolu ghandu jinqara flimkien ma’ artikolu 2(1):
Ghall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dannu ghandu jkopri kwalunkwe konsegwenza li tirrizulta minn delitt/kwazi-delitt civili, arrikkiment ingust, negotiorum gestio jew culpa in contrahendo.

Issir ukoll referenza ghal paragrafu 17 tal-Preamblu tar-Regolament:
(17) Il-ligi applikabbli ghandha tigi determinata abbazi ta' fejn isehh id-dannu, irrispettivament mill-pajjizi jew pajjizi fejn jistghu jsehhu l-konsegwenzi indiretti. Ghaldaqstant, f'kazijiet ta' korriment personali jew ta' dannu lill-proprjeta, il-pajjiz fejn sehh id-dannu ghandu jkun il-pajjiz fejn kien sostnut il-korriment jew fejn sar dannu lil-proprjeta rispettivament.

Skond is-socjetajiet attrici ghandha ssir distinzjoni bejn il-ligi fejn isehh id-dannu (lex loci damni) u l-ligi fejn isehh id-delitt (lex loci delicti commissi). Huma jissottomettu illi ghalkemm l-incident sehh fl-ibhra territorjali tat-Tunezija, kwindi jista’ jinghad li l-incident li wassal ghad-dannu sehh fl-ibhra Tunezina pero jsostnu illi z-zewg vapuri kienu jtajru l-istess bandiera cioe dik Maltija u kwindi l-bastimenti ghandhom jitqiesu bhala estensjoni ta’ nazzjonalita Maltija u ghandha tigi applilkata l-ligi Maltija bhala l-lex loci delicti.

Il-Qorti mhix konvinta minn din l-interpretazzjoni. Dan mhux kaz fejn l-incident sehh f'lok partikolari pero d-dannu gie soffert f'gurisdizzjoni ohra bhall-ezempju kkwotat mill-istess socjetajiet attrici cioe li xbieki tas-sajd jehlu ma' skrun ta' vapur f'ibhra territorjali ta' pajjiz partikolari pero l-makni tal-vapur waqfu jahdmu konsegwenza tal-fatt allegatament delittwuz f'gurisdizzjoni ohra. Il-kaz in kwistjoni si tratta ta' habta li sehhet fl-ibhra Tunezina u d-dannu gie soffert hemm stess. Kwindi dan l-istat fattwali jaqa' direttament fl-ambitu tal-artikolu 4(1) tar-regolament cioe li l-ligi applikabbli ghandha tkun dik fejn isehh id-dannu irrispettivament mill-pajjiz fejn sehh l-avveniment li wasal ghad-dannu.

In oltre l-Qorti ma tqis il-kwistjoni tal-bandiera tal-vapur fil-kamp civili bhala xi fattur li jitfa' eccezzjoni fuq l-applikabilita generali ta' dan l-artikolu. In fatti r-regolament stess f'artikolu 4(1) ma jaghmel ebda distinzjoni bejn persuna fizika jew morali jew vapur.

Kif ighidu l-awturi **Cheshire, North and Fawcett, Private International law, 14th Edition**:
How should the country in which damage occurs be defined in relation to maritime torts? If one looks literally at where damage occurs, ie identifying the waters in which it occurs, it follows that if damage occurs within territorial waters, Chapter II will operate as usual.[2] In contrast, if damage occurs on the high seas, Chapter II would appear not to apply.

An alternative and much more radical approach would be to say that damage occurs in the country of the flag of the ship.[3] A law of the flag rule has the advantage that Chapter II would apply, regardless of the waters in which the damage occurs. There was a provision in the Proposal for a Regulation that in effect adopted a law of the flag rule[4] but this was deleted in the Amended Proposal.[5] It has been accepted in the past that, in the absence of a

[2] The Cypriot and Greek Delegations in their Statement on Art 9, supra, p 818, assume that it will apply to Industrial action in territorial waters.
[3] See generally George (2007) 3 J Priv Int L 137, 168-17l.
[4] Art 18 of the Proposal. This showed an intention to bring torts committed on the high seas within the tort choice ofJaw rules.
[5] It is not clear why this provision was deleted.

special provision dealing with torts committed on the high seas, the Community tort choice oflaw rules cannot operate.[6] The deletion of the special provision indicates that when interpreting the Regulation, a country should not be identified by looking at the law of the flag

Kwindi in principju hu applikabbli l-artikolu 4(1) tar-regolament u ghalhekk il-ligi Tunezina hi l-ligi li prima facie ghandha tapplika ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Pero r-regolament jaghmel eccezzjonijiet ghal tali regola generali. L-artikolu 4(2) ighid li l-ligi fejn sehh id-dannu mhix applikabbli jekk il-partijiet ghandhom residenza abitwali f’pajjiz wiehed.

Dan l-artikolu jghid hekk:
Madankollu, fejn kemm l-persuna allegatament responsabbli kif ukoll il-persuna li ssofri d-dannu ikollhom ir-residenza abitwali taghhom fl-istess pajjiz fil-mument m eta jsehh id-dannu, il-ligi applikabbli ghandha tkun il-ligi ta' dak il-pajjiz.

Fil-kaz odjern, il-partijiet ikkoncernati huma persuni legali u ghalhekk wiehed jrid jaghmel referenza ukoll ghal artikolu 23(1) fejn jigi kjarifikat il-kuncett ta' "residenza abitwali" fil-kuntest ta' socjetajiet. Dan l-artikolu jghid illi:

Ghall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-residenza abitwali ta' kumpanniji u ta' korpi ohra, guridici jew mhux inkorporati, ghandha tkun il-post ta' l-amministrazzjoni centrali.

Din hi t-tezi subordinata tas-socjetajiet attrici cioe li jekk in principju hu applikabbli l-artikolu 4(1) ic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz irendu applikabblil dak li jipprovdi l-artikolu 4(2) u dan peress illi wahda mis-socjetajiet attrici cioe Sea Voyager Shipping Limited hi kumpanija Maltija bhal ma hi dik konvenuta.

Il-Qorti tqis li dan l-argument hu wkoll fallaci ghaliex hemm il-problema dwar x’ifisser ‘amministrazzjoni centrali’ li

[6] See the Giuliano, Lagarde and Van Sasse Van Ysselt Report, p 50, referring to the 1972 preliminary draft convention which contained no such special provision.

f’dan il-kaz ma saret ebeda prova dwaru mis-socjetajiet attrici hlief li jidher li wahda mill-kumpanija attrici hi registrata f’Malta u l-istess is-socjeta konvenuta. Pero l-lok fejn hi registrata l-kumpanija mhix necessarjament fejn ghandha l-amministrazzjoni centrali taghha. Din hi prova li trid issir minn min qed jinvoka l-applikabilita tal-eccezzjoni ghar-regola generali u ma tistax tigi prezunta bis-semplici lok ta’ registrazzjoni tal-kumpanija. Kull eccezzjoni ghal regola ghandha tigi interpretata b’mod ristrett. In oltre u dak li jirrendi din l-ecezzjoni f’dan is-subartikolu inapplikabbli hu l-fatt li mhux il-kumpaniji kollha involuti fil-vertenza huma allegatament ‘abitwalment residenti’ Malta. Jirrizulta illi s-socjeta attrici, sid il-vapur li allegatament sofra dannu kawza tal-habta mal-vapur tas-socjeta konvenuta, hi kumpanija Pollakka. Il-kumpanija attrici l-ohra, cioe dik registrata f’Malta jidher li tikri biss il-vapur u ghalhekk mhux car min ezatt sofra d-dannu bejn is-socjetajiet attrici u kwindi, billi wiehed mill-partijiet direttament u certament interessat, cioe sid il-vapur attur, zgur mhux abitwalment residenti f’Malta, l-eccezzjoni, kif inhu kwalifikat l-artikolu 4(2) ma jsibx applikazzjoni f’dan il-kaz. Is-socjetajiet attrici fis-sottomisjonijiet taghhom orali gabu l-argument illi s-socjeta attrici Pollakka aderiet ghal gurisdizzjoni u ligi Maltija bil-fatt stess illi l-kawza saret f’Malta. Dan mhux strettament korrett billi l-gurisdizzjoni hi stabbilita mill-fatt li s-socjeta konvenuta hi registrata f’Malta u in oltre l-eccezzjoni bl-artikolu 4(2) mhix intiza li tintuza a diskrezzjoni tal-parti billi jharrek fejn jidhirlu l-aktar idoneju bhala ligi applikabbli ghal kaz izda hu bazat fuq kriterju oggettiv kif ighid l-istess artikolu li ma jhallix dubju illi l-partijiet kollha involuti irid ikollhom ir-residenza abitwali fl-istess pajjiz u mhux kwistjoni ta’ ghazla jew maggoranza kwalifikata jew assoluta.

Is-socjetajiet attrici sostnu illi anki jekk ma jsibx applikazzjoni l-artikolu 4(2) biex tigi applikata l-ligi Maltija bhala eccezzjoni ghall-artikolu 4(1) ghandu japplika ghal kaz l-artikolu 4(3) maghruf bhala l-‘escape clause’ fejn ghandha tapplika l-ligi Maltija ghal kaz. Dan s-subartikolu jghid hekk:
Fejn ikun jidher car mic-cirkustanzi kollha tal-kaz li d-delitt jew kwazi-delitt civili huwa manifestament konness aktar

mill-qrib ma' pajjiz divers minn dak indikat fil-paragrafi 1 jew 2, ghandha tapplika l-ligi ta’ dak il-pajjiz l-iehor. Konnessjoni manifestament aktar mill-qrib ma’ pajjiz iehor tista’ tkun ibbazata b’mod partikolari fuq relazzjoni pre-ezistenti bejn il-partijiet, bhal kuntratt, li tkun konnessa mill-qrib mad-delitt jew kwazi-delitt civili in kwistjoni.

Is-socjetajiet attrici jsostnu illi n-nazzjonalita tal-partijiet koncernati, il-bandiera tal-vapuri, il-hsarat sofferti li huma limitati ghaz-zewg bastimenti, u l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin jiffavorixxu l-applikazzjoni tal-ligi Maltija ghal kaz.

Il-Qorti tqis li dan is-subartikolu jaghti certa fetha ta’ diskrezzjoni biex vertenza tigi deciza a bazi ta’ ligi aktar idonea ghac-cirkostanzi.

Kif ighidu l-awturi **Cheshire, North and Fawcett**, gia kwotati:
It is not enough to show that the tort/delict is more closely connected with a country other than that indicated in paragraphs 1 or 2, it has to be “manifestly” more closely connected. The addition of the word “manifestly” is designed to underscore the exceptional nature of this escape clause.[7] The use of rules in Article 4(1) and (2), rather than presumptions, is also designed to make clear that the exception really is exceptional.[8]

The escape clause uses the criterion of connections.[9] The connection must be with a country, rather than the law of a country.[10]

The scenario of both parties having a common habitual residence that is dealt with in Article 4(2) will be very much the exception and so Article 4(3) is likely to operate more commonly as an exception to Article 4(1), rather than Article 4(2). Apart from cases where there is a pre-existing relationship between the parties, situations where

[7] The Explanatory Memorandum, p 12. See also the addition of the word “manifestly” to the public policy defence under the Brussels I Regulation, supra, p 612.
[8] See the Explanatory Memorandum, p 12.
[9] This parallels Art 4(5) of the Rome Convention. Contrast s 12(1) of the Privat International Law (Miscellaneous Provisions) Act 1995, which, after comparing the significance of connecting factors, refers to it being substantially more “appropriate” that the law of some other country should apply.
[10] See Briggs, Written Evidence, HL Report 66 (2004), 95, who whould have preferred these as alternatives.

Article 4(3) would operate as an exception to Article 4(1) are likely to be relatively rare.

F’dan il-kaz il-Qorti tqis illi din is-sitwazzjoni ta’ natura eccezzjonali li ghandha teghleb l-applikazzjoni tal-artikolu 4(1) ma tezistix. Il-bandiera tal-vapuri ghalkemm tista’ tiqies relevanti f’certi cirkostanzi bhala element li jimmilita l-applikazzjoni tal-artikolu 4(3) f’dan il-kaz ma hix ta’ rilevanza mehuda wahedha biex tmur kontra l-applikazzjoni tal-artikolu 4(1) f’kawza ta’ natura civili dwar danni materjali kawzati f’kollizjoni bejn zewg vapuri. Din mhix kwistjoni dwar vertenza li sehhet abbord vapur izda kollizjoni bejn zewg vapuri. In oltre n-nazzjonalita tal-partijiet mhix l-istess billi wahda mis-socjetajiet attrici hi Pollakka u ghalhekk wiehed jista’ jargumenta li anki l-ligi Pollakka tista’ ssib applikazzjoni ghal kaz u mhux necessarjament il-ligi Maltija, aktar u aktar meta l-kumpanija Pollakka hi sid il-vapur li allegatament sofra l-hsara bi htija tal-vapur tal-kumpanija konvenuta. Ma ngiebet ebda prova illi, ghajr ghar-registrazzjoni tal-vapuri hemm xi konnessjoni intrinsika mal-ligi Maltija fuq vertenzi delittwali civili li sehhew kjarament f’pajjiz iehor u d-dannu sehh f’dak il-pajjiz. Il-hsara sofferta biss mill-vapuri kawza ta’ habta ad eskluzjoni ta’ elementi ohra sufflicjentement serji ma jikkrejawx argument tant sod li jiggustifika li din il-Qorti tiskarta l-applikazzjoni tal-principju generali enuncjat fl-artikolu 4(1). Il-fatt li l-Qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni jisimghu l-vertenza ma tikkreja ebda dritt prezunt li l-vertenza trid tigi deciza skond il-ligi Maltija.

Il-Qorti tqis illi dan lanqas hu kaz fejn hemm relazzjoni guridika pre-ezistenti li taghmilha gusta li l-vertenza tigi deciza skond il-ligi fejn nibtet din ir-relazzjoni guridika jew fejn l-istess partijiet esplicitament jew implicitament setghu ftehmu li ghandha tapplika f’kaz ta’ dizgwid.

Ir-rabtiet li semmew is-socjetajiet attrici mal-ligi Maltija huma tenwi wisq biex jigi injorat il-principju regolatur fl-artikolu 4(1) u ghalhekk il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta hi gustifikata.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u tiddikjara illi l-ligi applikabbli ghal vertenza odjerna ghandha tkun dik Tunezina. Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------